KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 57

Is-seba u ħamsin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 14 ta' Gunju 2016 fis-6.16pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Punti mqajma mill-Minuti*
3. *Komunikazzjoni mis-Sindku*
4. *Korrispondenza*
5. *Risposta ghall-Management Letter*
6. *Approvazzjoni tal-Pagamenti*
7. *Aġġornament*

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti 56_23/05/2016. Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 2.11 u qal li trid tinqara kif ġej: 'Il-Kunsill saqsa jekk Din l-Art Helwa, FAA u SHS jistgħux joffru parti mis-somma ta' Ewro 800'.

1.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 2.14 u qal li *punt 1 (ta' 2.14)* trid tinqara '*Low Carbon Economy*'.

1.3 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 56_23/05/2016. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

2. **PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI**

2.1 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 2.3 dwar fejn se jitwaħħlu d-*dustbins*. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hemm għaxra u għandu bzonn is-suġġerimenti mill-Kunsilliera fejn jistgħu jitwaħħlu. Il-Kunsilliera M. Aquilina ssuġġeriet li għandu jitpoġġa wieħed fi Triq il-Kulleġġ l-Antik (kif titla mit-taraġ tal-bridge). Il-Kunsilliera V. Galea Pace issuġġeriet fi Triq Amery ma Triq il-Kbira u x-Xatt ta' Tigne (qabel Triq Censu Xerri). Is-SE għandu jibgħat il-postijiet proposti u jitwaħħlu skont l-aktar postijiet suġġeriti mill-Kunsilliera wara illi dawn jghaddu il-kummenti taghhom. *Bins*

2.2 Is-Sindku saqsa dwar is-*cigarette bins*. Is-SE informa li dawn twaħħlu. *Cigarette bins*

2.3 Dwar punt 2.5 is-SE informa li bgħat it-talba tal-Kunsill għal laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici dwar l-*ECO Wardens* izda l-Kunsill għad m'għandux risposta. *Eco Wardens*

2.4 Dwar punt 7.8 dwar Triq Giacintu s-Sindku qal li għad irid jinzel jara l-problema minħabba l-parkeġġ fuq il-bankina. *Triq Giancintu*

2.5 Dwar punt 2.11 dwar il-proġett ta' Hughes Halliet PA 4060 il-Kunsill ġie infurmat li l-appell intbgħat fil-ħin u irċevejna fondi minn Din l-Art Helwa u FAA. *PA 4060*

2.6 Dwar il-*canopies* tal-Gnien Indipendenza, s-SE informa li l-avviz fil-gazzetta tal-Gvern intbgħat. Is-Sindku qal li għandu jiġi diskuss il-*cat's cafe* li hemm fil-Gnien. *Gnien Indipendenza*

2.7 Dwar punt 3.3 t-*ticketing booths* li hemm fix-Xatt u d-diversi diskussjonijiet li l-Kunsill kellu, il-Viċi Sindku qal li qiegħed iħoss li mhux se jkun appoġġ mill-awtoritajiet. Is-Sindku fakkar li waqt l-stqarrija għall-istampa li kienet ġiet indirizzata dwar din is-sitwazzjoni kien qal li l-Kunsill se jieħu passi. Kien hemm qbil li nitolbu laqgħa ma kull rapprezentant mill-Lands/MTA li kienu madwar il-mejda fosthom is-Sur Martin Bajada u s-Sur Fsadni. Il-Kunsill għandu jistaqsi jekk din ġietx diskussa fil-Kabinet kif kien intqal waqt il-laqgħa. Il-Kunsill irid jara x'inhu l-pass li jmiss. Is-SE informa li r-risposta min-naħa tal-pulizijia kienet li jekk il-Kunsill irid li jinzlu fuq il-post il-Kunsill irid iħallas għal *extra services.* Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li m'għandiex appoġġ mill-pulizija u wasal iz-zmien li ninfurmaw il-pubbliku b'dan. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li ilna snin twal nitolbu għall-kooperazzjoni. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici kif ukoll jiġi *copied* il-Kummissarju tal-Pulizija biex jiġu indirizzati *enforcement issues.* *Ticketing Booths u Komunikazzjoni mil-Pulizija*

2.8 Dwar it-*ticketing booths* kien hemm qbil li l-Kunsill jiltaqa ma *Chief of Staff* tal-Ministeru ghat-Turizmu.

2.9 Is-SE informa li l-apparat għal *outdoor gym* ġie ordnat u l-Kunsill qiegħed jistenna li jsir x-xogħol. *Outdoor Gym*

2.10 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar ir-*railing* tal-bajja taht Taormina jekk hux se jinbidel. Is-SE informa li se jinbidel għal wieħed ġdid. Is-SE informa wkoll li l-ħaddiema mill-*Works Department* ma tantx għadhom jibgħatuhom jagħmlu xogħol f'Tas-Sliema. Min-naħa l-oħra l-ħaddiema tat-*Tourism Zones* ipattu ftit għalihom.

2.11 Dwar punt 6.2 dwar ix-xogħol zejjed li kien għamel LK Ltd fi Triq ix-Xatt, il-Kunsill ġie infurmat li dan baqa ma tħallasx tax-xogħol zejjed li għamel mingħajr approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill ġie infurmat li l-Kunsill spjega lill-kuntrattur kif il-Kunsill ikollu ammont ta' flus għal certu xogħlijiet u ma jkunx jista jagħmel partijiet oħra li ma jkunux ġew approvati. Il-Kunsilliera M. Aquilina irrimarkat li din mhux l-ewwel darba li għamel dan, kif ukoll xogħol ħazin u ilmenti mar-residenti, ingħata l-ezempju tal- *Manutenzjonijiet*

*culvert* li diġa nizel it-tarmac.

2.12 Dwar punt 6.4, is-SE ikkomunika mad-Direttur tal-Gvern Lokali dwar it-tender tad-dawl fit-toroq, imma ghad irid ikellmu sew f'laqgha li ghandu mieghu ftit tal-jiem ohra. Il-Kunsill qabel li sadanittant għandu jkellem lill-Kunsill ta' San Giljan biex jekk id-direttiva prezenti tinbidel li l-Kunsilli joħroġu tender bħala *joint venture* ma' San Giljan. *Tender tad-Dawl*

2.13 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 3.6 u saqsa dwar CCTV li kellha ssir mic-CSD fejn il-bring in site ta' Qui Si Sana. Is-SE spjega li l-proċess ittawal ftit għaliex kien hemm diskussjoni mal-MIDI li jsir kuntratt magħhom u li l-Kunsill għandu jħallas ħamsin ewro. Din għandha titwaħħal dalwaqt. Il-camera se tkun mħarsa mis-CSD u r-rapporti se jintbagħtu l-pulizija. *CCTV – Qui Si Sana*

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU /4. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku irrefera għat-talba mit-Trasport Malta dwar il-gabina għat-*taxi* fix-Xatt, dan biex jiġi kkontrollat aktar is-servizz tat-taxi. Is-Sindku informa kif dawn ipprezentaw dizinn ġdid ta' din l-istess gabina li ġiet ipprezentata fil-Kunsill. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li ssir diment li l-area tibqa nadifa u ma jkunx hemm *cables* imdendlin. *Taxi - Gabina*

3.2 Is-SE informa li hemm ħsara tad-drenaġġ fid-Day Centre u hemm spiza ta' madwar Ewro 650. Kien hemm qbil li din tissewwa. *Day Centre*

3.3 Is-SE informa li kien iċċekkja jekk il-Kunsill jistghax jilqa t-talba tat-Torri biex jgħin għad-dawl fuq barra tal-istess Torri. Il-Kunsill ġie infurmat mid-DLG li dan ma jistax isir għaliex dan huwa privat. Kien hemm qbil li tal-inqas jinbiddel il-*floodlight* li diga hemm quddiem it-Torri li qiegħed fil-*promenade* biex id-dawl ikun aktar effettiv. *Dawl in-naħa tat-Torri*

3.4 Is-SE informa li l-Kunsill irċieva ittra mit-TM li fejn hemm *bollards* li qed jiġu mwaħħla fit-*tarmac* iridu jinqalgħu. Is-SE informa li hemm Polidano li waħħal dawn it-tip ta' bollards u l-Kunsill qabel li l-avukat tal-Kunsill għandu jikteb lil Polidano Bros u tintbgħat kopja tal-ittra tat-TM. *Bollards*

3.5 Is-SE informa li dwar il-monument ta' Sri Chinmoy, id- *Monument – Sri Chimnoy*

Dipartiment tal-Gvern Lokali wieġeb li l-Kunsill ma jistax imur lura mid-deċizjoni tiegħu qabel sitt xhur sakemm ma ssirx rezoluzzjoni speċjali. Il-Kunsill m'għandux seta li jneħħi permess li jkun ħareġ mill-MEPA. Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva ittra mic-Centru ta' Sri Chimnoy li dan il-monument kien tpoġġa fuq bazi ta' paċi.

*Daħlet il-Kunsillier L. Cassar Shaw fis-19.30*

3.6 Il-Viċi Sindku jaqbel li jgħaddu s-sitt xhur u eventwalment titneħħa. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hi taħseb li jista jkun hemm konsegwenza u tħoss li għandha tastjeni f'kaz li jittieħed vot. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw saqsiet jekk qabel ma jiddeċiedi, il-Kunsill jistax jagħmel aktar riċerki fuq din il-persuna għaliex hi taf li kien hemm tagħrif li ingħata fi skejjel. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier P. Radmilli qalu li kien hemm ħafna residenti li ilmentaw għaliex dan tpoġġa f'Tas-Sliema. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li min-naħa l-oħra l-Kunsill irid joqgħod attent għaliex jista jinħoloq preċedent, li kull darba li ssir deċizjoni u wħud mir-residenti ma jappoġġjawx, issir petizjoni u l-Kunsill ikollu jirrevedi d-deċizjoni.

3.7 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li l-Kunsill għandu jikkonsulta ma' Awtoritajiet fosthom l-i*Speaker*, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u oħrajn li kienu involuti f'din id-deċizjoni. Dan biex ikunu prudenti ma min kien bgħatilna r-riferenzi. Is-Sindku propona li l-Kunsill għandu jikteb lill-PA fejn jitlob li d-deċizjoni tiġi riveduta biex dan jitneħħa, għaliex kien hemm ħafna ilmenti u reazzjonijet differenti mir-residenti Slimizi u mil-pubbliku. Il-Kunsill għandu jinforma b'dan wkoll l-*Ispeaker*, is-Segretarju Parlamentari Chris Agius kif ukoll Ministri konċernati għall-aktar appoġġ. Il-Kunsill għandu jirraporta lura fil-laqgħa li jmiss bir-risposti li jkun irċieva. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti minbarra l-Kunsillier P. Radmilli għaliex hu qal li ma jaqbilx li l-Kunsill jimxi hekk u jaqbel biss li l-Kunsill għandu jikteb lil MEPA bid-deċizjoni u kieku jistaqsi wkoll jekk dan ħaqqux li jkollu monument f'Tas-Sliema.

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fis-19.54*

3.8 Is-SE informa lill-Kunsilliera li kien hemm ħafna artisti li applikaw biex jipparteċipaw fl-attivita SAF. Informa wkoll li bħala budget qegħdin tajjeb. Is-SE spjega wkoll kif is-Sur James M. Grimaud, *SAF*

li kellu jkun attiv f'din is-sena billi jorganizza is-sezzjoni ta' *street art*, qiegħed jilmenta għaliex din is-sena ma ġietx involuta Rachel Formosa u informa lis-SE li jekk din ma tiġix involuta l-anqas hu ma jipparteċipa. Is-SE informa li hu wieġeb li l-Kunsill ma jimxix fuq it-tegħdid u rikatti. Informa wkoll li d-differenza se tkun li ma jkollniex street artists lokali u barranin għaliex James Micallef Grimaud huwa l-persuna li tagħmel kuntatt magħhom. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jaqbel kif wieġeb is-SE, għaliex is-sena l-oħra Rachel Formosa kienet għamlet xogħol ħazin u ma jridx li din terġa tkun parti mill-organizzajoni tal-SAF. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsillier P. Radmilli zied jgħid li għandu jibgħat l-*agreement* lil James Micallef Grimaud u jingħata ġimgħa cans u jekk dan ma jiġix iffirmat ma jkunx jista jipparteċipa l-anqas. Is-SE qal li l-*option* oħra tkun li l-artisti jkunu Maltin biss u nevitaw l-ispejjez tal-*flights* ukoll. Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsilliera prezenti.

5. **RISPOSTA GĦAL MANAGMENT LETTER**

5.1 Is-SE informa li se jagħti spjegazzjoni għar-risposta tal-*management letter*. Informa wkoll li *l-accoutant* tal-Kunsill ma setax jattendi għaliex kien indispost izda offra li jkun *available* fuq Skype f'kaz li jkun hemm bzonn.

5.2 Is-SE informa li l-punti ewlenin li rrimarkaw l-Awdituri kienu diġa rrimarkaw is-sena l-oħra fuq issues ta' Polidano, iċ-ċertifikazzjonjiet li ma għamilx il-Perit Vassallo u li qatt ma bgħat il-kontijiet tiegħu u l-Kunsill dejjem jikkalkulha ammont għal *accrual* fl-accounts u l-ammont jaf ma jkunx korett. L-ex avukat tal-Kunsill l-anqas qatt ma bgħatet il-kontijiet tagħha. Is-SE fakkar li dawn huma issues tas-snin ta' qabel, mhux iz-zmien ta' din il-leġislatura. *Kontijiet*

5.3 Is-SE għandu jerġa jikteb lil Perit David Vassalo biex jibgħat il-kontijiet tiegħu għaliex se jibqa jiġi nnotat fir-rapport tagħna.

5.4 Is-SE qal li rrimarkaw ukoll dwar l-attendenza tal-Kunsilliera u jekk kunsillier ikun assenti kif ukoll skuzat għal erba darbiet wara xulxin is-SE għandu jirraporta lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-SE informa li dawn irreferew għall-kunsillier partikolari. Il-Kunsillier D. Muscat qal li jekk kienu qegħdin jirreferu għalih dan dejjem informa kif ukoll ir-raġuni dejjem kienet ta' xogħol għaliex *Attendenza tal-Kunsilliea*

is-sistema kif iddeċieda l-Kunsill li l-laqgħa daqqa tkun it-Tnejn, it-Tlieta, l-Erbgħa jew il-Ħamis mhux adattata għalih, għaliex hu jaħdem bix-*shift*. Is-SE qal li hu filfatt ir-risposta lill-awdituri kienet li dan dejjem ġie skuzat għal raġuni ta' xogħol u dejjem kienet approvata fil-Kunsill. Madankollu avza l-Kunsilliera li se jkollu jirraporta lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali f'kaz li jkun hemm min ma jattendix għal erba darbiet wara xulxin, kif ġie rakomandat.

5.5 Gie nnotat ukoll *l-allowance* li kienet tħallset zejda lil ex-Sindku Nikki Dimech, fiz-zmien li kien hemm r-riforma tal-honorarium tal-Ministri u s-Sur Nikki Dimech kellu jirrifondi madwar Ewro 2700 u minkejja d-diversi ittri li ntbagħtu dawn ma ġewx lura. Kien hemm qbil li l-avukat tal-Kunsill għandu jikteb lis-Sur Dimech dwar dan il-kaz. *Talba għal refund*

5.6 Ġie nnotat ukoll li l-awdituri talbu għal *business plan* ta' tlett snin jew erba snin. Is-SE qal li l-Kunsill jimxi mal-budget. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li m'hemmx flus li wieħed jista jalloka allura ma tantx jista jsir ippjanar. Madankollu il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-kumitat tal-finanzi xorta waħda għandu jiltaqa. *Business Plan*

5.7 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet kienx hemm differenza miz-zieda tal-permessi. Is-SE qal li dawn il-flus qegħdin imorru biex ipattu ghan-nuqqas ta' allokazzjoni f'dak li jirrigwardja spejjes ta' ammnistrazzjoni.

5.8 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw irrimarkat dwar il-ġbir ta' skart minn blokok kbar bħal *Fort Cambridge* li jridu iħallsu huma biex jinġabar l-iskart, tħoss li din hija diskriminazzjoni għaliex dawn huma residenti ukoll. Is-SE spjega l-mod kif tinħadem l-allokazzjoni. Il-Kunsill rega tenna li ma ingħatatx allokazjoni zejda minn meta ġew zviluppati dawn l-appartamenti. *Allokazzjoni - Skart*

5.9 Is-SE qal li ilu jikteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u qiegħed jistena risposta.

5.10 Il-Kunsill approva r-risposta għall-*managment letter*. *Approvazzjoni tal-management letter*

## 6. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENT

6.1 Is-SE informa li pagament numru 14 indirizzat lis-*Safety and*

*Security Management* huwa tax-xahar ta' Mejju u mhux ta' April 2016.

6.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar il-pagament indirizzat lil *X Tend Supplies* u reġa ssuġerixxa li l-Kunsill jista jordna mis-*Supplier* dirett u jġibhom irħass.

6.3 Il-Kunsilier J. Pillow saqsa dwar pagament numru 58 indirizzat lil SRF. Is-SE spjega li dan kellu jsir tindif zejjed Tigne fejn il-lidos, għax kien hemm flixken etc.

6.4 Is-Sindku ressaq l-pagamenti ghall-approvazzjoni. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti — Approvazzjoni tal-pagamenti.

*Il-Kunsillier D. Muscat ġie skuzat li jitlaq fit-20.53*

## 7. SUGGERIMENTI

7.1 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar il-ħasil tal-bins u ssuġġerixxa li jrid jkun hemm dati fissi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jitnaddfu l-ewwel (1st) u s-sittax (16th) tax-xahar. — Hasil ta' bins

7.2 Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lil SRF ukoll għaliex il-kenniesa qegħdin iħallu l-karretta fit-toroq, mhumiex ikunu nodfa u uħud minnhom m'għandhomx *sticker* fuqhom. Ġie nnotat ukoll li t-trakkijiet ma jistgħux jitilgħu fuq il-bankina. — Nuqqasijiet fit-tindif tat-toroq

7.3 Ġie nnotat ukoll li meta l-*contracts manager* jirraporta xi nuqqasijiet il-kuntratturi mhux dejjem qegħdin jagħtu kaz. Kien hemm qbil li jibdew jinħarġu l-*default notices* meta l-ilment ikun konkret u meta l-kuntratturi ma jimxux skont it-tender. — Default notices

7.4 Ġie nnotat li għadu jsir il-*piling* f'ċertu toroq. Kien hemm qbil li dan m'għandux isir.

7.5 Ġie nnotat ukoll li l-*bins* ta' Triq Amery ma Triq il-Kbira dejjem mimlija u mhux qegħdin jinħasslu.

7.6 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa jekk il-ġbir ta' skart nhar ta' Hadd għandiex tkun pubblikata. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li taqbel li jkunu avzati li dan issir għas-Sajf biss, għaliex għalihom jekk jarawh jinġabar ma jkunux jafu li l-Hdud tas-Sajf biss, u

b'hekk jibqgħu joħorġu l-iskart il-Ħadd anke fix-Xitwa.

7.7 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet jekk ċertu toroq jistgħux jinkinsu darbtejn. Is-Sindku irrimarka li tajjeb ikun hemm għajnuna mir-residenti li lesti li jinvolvu ruħħhom biex b'hekk jinfurmaw saritx jew le triq partikolari. Il-Kunsill ikun jista jiddentifika dawk li huma maħmuġa għax ma tkunx għada nkisset mil-kennies jew għaliex dik it-triq partikolari tkun aktar frekwentata u b'hekk ikun hemm bzonn li ssir darbtejn.

7.8 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw irrimarkat li Triq Ghar il-Lembi dejjem maħmuġa.

7.9 Il-Kunsillier J. Pillow talab li jsir laqgħa mal-SRF dwar l-organizzazzjoni għat-tindif ta' matul il-festi. Kien hemm qbil dwar dan. Kien hemm qbil ukoll li għandha tinkiteb ittra lil SRF b'dawn in-nuqqasijiet li għadhom kif ġew innotati f'din il-laqgħa.

7.10 Il-Kunsilliera M. Briguglio u P. Radmilli informaw li l-istadju taz-zewġ torrijiet ta' Townsquare qiegħed wieħed avvanzat u li l-*case officer* kwazi lesta r-rapport. Il-Kunsillier P. Radmilli informa li hemm ħafna riferenzi izda dokumenti li jikkonċernaw it-traffiku bħat TIA tat-2015 mhux qiegħed disponibbli fuq il-*website*. TownSqaure

7.11 Il-Kunsill ġie infurmat li għal dawn il-proġetti kbar, il-Kunsill jista jibgħat rapprezentant fil-Bord tal-MEPA u jkollu vot. Il-Kunsill qabel li kazijiet simili jiġu diskussi fil-bord tal-Kunsill u eventwalment tintbgħat lill-PA. Fit-23 ta' Gunju 2016 se jkun hemm il-Bord tal-MEPA. Il-Kunsillier M. Brigulio propona li l-Kunsillier P. Radmilli għandu jkun ir-rapprezentant tal-Kunsill fil-Bord tal-PA ghal din l-applikazzjoni. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li għalija ma tagħmilx differenza la darba min imur jitkellem f'isem il-Kunsill u jgħaddi dak li jkun iddeċieda l-Kunsill.

7.12 Dwar Fort Cambridge il-Kunsill ġie infurmat li EIS ħareġ u l-konsulent tal-bord tagħna *feedback*. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li kieku l-Kunsill seta joġġezzjona izda daħlet klawsola li *development brief* tingħata l-aħħar importanza. Fort Cambridge

7.13 Kien hemm qbil li għandu jsir *scheduling* (li jiġi protett) kif ukoll nitolbu għal laqgħa mas-*Superintendance of Cultural Heritage*.

Eventwlament il-Kunsill jistieden lil Press biex jirrapporta l-*feedback* tal-laqgħa.

7.14 Il-Kunsill għandu jistaqsi wkoll lit-TM (David Sutton) għal *Sliema Transport Action Plan* b'referenza għal *case officer report* ta' TownSquare.

7.15 Il-Kunsilliera V. Galea Pace ġibdet l-attenzjoni li hemm anzjana b'kazijiet medici li qegħda ssib diffikulta biex tidħol fir-residenza tagħha fi Triq Bisazza. Is-Sindku qal li bħal kazijiet simili oħra, din għandha tagħmel kuntatt mal-Kunsill biex ikun hemm aċċess. Il-Kunsillier J. Pillow qal li f'kazijiet oħra qiegħed ikun hemm min jabbuza. Kien hemm qbil li s-sistema ta' *coding* tinbidel aktar ta' spiss. — Triq Bisazza

7.16 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irrimarkat dwar it-trabijiet mir-Regina *car park*. Il-Kunsill informa li se jkun qiegħed jappella u jiġu infurmati l-mezzi tax-xandir dwar dan. — Carpark Regina Vittoria

7.17 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka dwar post abbandunat fi Triq San Neriku ma' Camenzuli u li hemm ħafna ħmieġ. Is-Sindku qal li l-Kunsill għamel diversi rapporti lis-Sanita. Il-Kunsill għandu jkellem il-Viċi Sindku dwar parir għal kwerela l-Qorti. — Post abbandunat

7.18 Il-Kunsillier M. Brigulgio irrimarka li għad m'hemmx *interne*t fil-librerija u li l-Kunsill kien ordna zewġ kompjuters għal librerija u hemm wieħed biss. Zied jgħid li jekk il-Kunsill ikun iddeċieda trid titwettaq id-deċizjoni. — Librerija

7.19 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li hemm *concrete pots* fejn St Patricks li qegħdin jagħlqu l-aċċess tal-bankina. Kunsill qabel li jibghat ittra lir-residenti biex dawn jitnehhew, jew inkella jnehhihom il-Kunsill. — Concrete pots

7.20 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għar-rampa/*railing tad-disabled tal*-Exiles. Is-SE informa li se jiltaqa' *on site* mal-ħaddiema. Is-SE se jipprova jġib stima għal manutenzjoni. — *Railing għad-disabled*

7.21 Il-Kunsillier M. Briguglio fakkar li r-rampa ta' fejn San Girgor mhux qegħda aċċessibbli għad-*disabled* u l-Kummissjoni ta' Persuni b'Dizabilita qiegħed jikteb lill-Kunsill — Rampa San Girgor

7.22 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa dwar l-izvilupp tal-proġett tal-*car* — Proġett car park

*park* u talab li jixtieq li jmur *on site* flimkien mal perit. Is-SE informa li hemm il-pjanti fl-uffiċċju għal min irid u malli joħroġ il-permess mil-PA jibda jġib stimi għax-xogħlijiet. Il-Kunsillier J. Pillow ippropona li l-kolonni jkunu tal-ħadid li jiġi *steel structured*. Is-SE qal li jkun tajjeb li niltaqgħu mal-perit biex jiġi diskuss id-dizinn. Il-*business plan* hu materja tal-*Finance Committee* x'jiddiskuti. Eventwalment il-Kunsill irid jissottometti l-istima biex ikunu jistgħu jingħataw il-fondi. Il-Kunsill għad irid jiffirma d-*devolution* mal-Lands. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jkun tajjeb li l-Kunsilliera jissottomettu l-proposti tagħhom.

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata li titlaq mis-seduta 22.12*

7.23 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li ezempju għalih hemm siġar li m'għandhomx jitneħħew. Kien hemm qbil li ssir l-laqgħa mal-perit.

7.24 Is-Sindku saqsa meta se jkun iz-zmien li ninfurmaw il-pubbliku. Is-SE jaqbel li wara li jkun ħareġ il-permess. Is-SE saqsa jekk il-Kunsill ippoġġix pjanċa b'xi ritatti tal-proġett propost. Kien hemm qbil li fil-laqgħa li jmiss isir qbil ta' liema ritratti il-Kunsill għandu jesponi.

## 8. AGGORNAMENT

8.1 Is-seduta intemmet fl-22.17. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju 2016 fis-6pm

Minuti approvati llum 25/07/2016

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**

14 June 2016

The Auditor General
National Audit Office
Notre Dame Ravelin
Floriana CMR02

Dear Sir

RE: FINANCIAL STATEMENTS FOR THE YEAR ENDED 31 DECEMBER 2014

Reference is made to the auditor's letter dated 5th May 2016 and received on 3rd June 2016. In terms of Section P2.05B (d.02) of the Local Councils (Audit) Procedures 2005, on behalf of Local Council Sliema, we are presenting herewith the following comments.

1. **Creditors**

1.1. **Polidano Brothers** -Unfortunately, despite various meetings and exchange of emails with Polidano Brothers Limited on how to resolve the dispute, the contractor retracted its position and threw back the negotiations at starting point. Nevertheless, the Council does not exclude any legal action against the supplier in case the latter would not want to settle the matter amicably.

1.2. **Debit balances in creditors** - Up to year end and the date of closure of the audit, the outgoing architect still had to produce final certifications. Despite the various reminders, he still did not comply. To that effect, the Council served him with a legal letter in order to press further. In 2016, eventually and in reaction to our letter, the Architect in question has complied with the necessary certifications and since then, the account has been reconciled.

The amounts overpaid to Arms Limited were not the Council's fault. Unfortunately in two instances separate and distinct from each other, Arms Limited ask for a payment in advance on account of consumption of electricity for Xmas light decorations in the locality's streets. In another case, Arms Limited had over charged the Council on the meter reading of two of the drinking water fountains installed along the promenade. Unfortunately it is Arms Limited's policy not to set off overpaid accounts with other meter accounts in the name of the Council. In this case, the Council feels that it is not at fault.

1.3. **Overdue payables** - Most of the amounts indicated by the Council's auditors are either in dispute or need to be verified properly by the Council's architect. In view of this, it should be assured that the Council monitors its overdue payables from time to time and writes off any unpaid balances which have been on its books for over five years but never claimed.

## 2. Accruals

2.1. With respect to the accrued expenditure for €30,000 on account of architect's fees and €3,000 on account of legal fees, it is true that the Council has been chasing the respective suppliers for over five years now but these fail to comply. In both cases, the respective contracts expired and no longer service the Council. Following legal advice, the Council will write off this accrued expenditure upon the expiry of 5 years.

2.2 With respect to the over accrual of the electricity expenditure, the error is regretted and as the Auditors state in their report, the Council had approved their proposed audit adjustment.

## 3. Fixed Assets

3.1. **Capitalisation of projects** - The Council sees no breach of procedures when it prudently capitalises assets under construction. On the contrary, this is in line with IAS 16 – Property, plant and equipment. It is prerogative of the Council to write off any expenditure accumulated within a project which is no longer viable. The situation with the Fairy Lights Project has delved into a legal complicated matter and the Council is analysing all the options available.

## 4. Insurance

4.1. The Council monitors and reviews its policy from year to year. Despite this, auditors keep on identifying discrepancies between the cost of what is owned and the value actually insured. We shall make sure that for the next insurance policy review, the Council covers all the necessary asset values as outlined by the auditors. Nevertheless, we do not agree that the Council should insure street signs, plants, trees, tarmac, concrete and other similar items where the insurance companies find it very hard to include as part of their cover.

## 5. Council Meetings

5.1. **Attendance at meetings** – Although in terms of the law, the auditors are correct, one should underline the fact that the Councillors in question had reasonable causes to excuse themselves from the meetings. Nevertheless, we shall be informing the Minister accordingly for future similar cases.

## 6. Prepayments

6.1. The Council is sending reminders to the outgoing Mayor from time to time but it has no funds allocated to seek any further action in this respect. The Council will be discussing the matter with the Department for Local Government to consider the best way forward and settle this matter once and for all.

## 7. Joint Committee

7.1. The Lvant Joint Committee to which the auditors refer is no longer functional and no meetings are being carried out. The newly appointed Regional Committee does not want to interfere with the operations of the Joint Committee, so at this point it is extremely hard to obtain the reports referred to by the auditors. The Sliema Local Council had been requesting these reports for years but no entity or body has ever taken action against the Joint Committee. The Council therefore believes that it has done its part. In fact, in 2016, the Joint Committee finally submitted all missing reports and the Council will reflect, any adjustments pertaining to its share accordingly.

7.2. The Council will assess the recoverability of the Joint Committee Guarantee paid at the start of operations of the Joint Committee way back in the year 2000.

## 8. Accrued Income

8.1. **Tipping fees** – The National Budgetary Estimates for 2016 show clearly that the Department for Local Councils is obliged to compensate Local Councils for the short-fall in the financial allocation on account of tipping fees. Therefore the Council is just portraying a true and fair picture by recognising the liability on one side and recognising the potential income to compensate it on the other side.

## 9. Debtors

9.1. **Overdue receivables** - The Council makes every effort to raise appropriate assessment of its receivables and at the same time puts pressure on Council debtors to comply and settle the payment. Any errors (albeit immaterial) in the provision for doubtful debts taken up and recognised for the year, is being regretted. As the Auditors state, the Council had taken up its recommendations to adjust the provision accordingly.

9.2. **Water Services Corporation** – the amounts due to the Council by this Corporation are backed up by official documentation. The Corporation is cash-strapped and it would only settle these amounts by setting off against Civil Works acquired by the Council from the same Corporation. Despite this, the Council's administration will do its best to set up a meeting with the Corporation's Finance team to assess the way forward.

## 10. Bank Reconciliations

10.1. It should be assured that the Council carries out monthly reconciliations. Nevertheless, we shall see to it that it prints these monthly reconciliations and get them signed by the Executive Secretary.

## 11. Inventory

11.1. The Council will contemplate the Auditors' recommendation and decides accordingly on the recognition of these inventory items in its records.

## 12. Expired contracts

12.1. We do not agree with the Auditors that extension of a contract to the fourth year is prohibited. This has been the practice for years by the Department of Local Councils. The fourth year is allowed as a buffer period until the new call for tenders is published. As a matter of fact, it is hereby confirmed that there shall be three call for tenders for contracts extended to the fourth year in terms of the normal practice.

## 13. Financial Statements

13.1. The recommendations set out by the Auditors are duly noted and will be taken into account for the financial year ending 31 December 2016.

## 14. Estimates and business plan

14.1. The Business Plan for the period 2016 – 2018 is being prepared accordingly.

## 15. Going Concern

15.1. The Council continuously monitors its expenditure to be in line with the Budget. Although the auditors may have every right to express their views, it is pertinent to point out that the Council seeks to have the necessary funds prior to any spending decisions.

We would like to thank the auditors for their constructive and professional advice provided during the course of their audit. Where possible, the Council commits itself to implement the suggestions accordingly.

Yours faithfully,
LOCAL COUNCIL SLIEMA

Anthony Chircop
Mayor

Matthew Dimech
Executive Secretary

**cc. The Director, Department of Local Government**

**cc. Mr. Tino Riolo, MAZARS**